



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ISTABILITÀ FINANZJARJA, IS-SERVIZZI FINANZJARJI U L-UNJONI TAS-SWIEQ KAPITALI

Brussell, 1-14 ta' Lulju 2020
REV1 – jissostitwixxi l-avviż bid-data
tas-27 ta' April 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-ISTITUZZJONIJIET GĦALL-PROVVISTA TA' RTIRAR OKKUPAZZJONALI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa din id-data, id-dritt tal-UE fl-intier tiegħu japplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneozjaw ftehim dwar sħubija ġdida. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk hux se jsir ftehim bħal dan li jidħol fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li tkun differenti ferm mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern⁴.

Barra minn hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni r-Renju Unit jitqies bħala pajjiż terz fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar l-implikazzjonijiet ġuridiċi fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkollu fuq l-attivitajiet tagħhom.

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Fid-dawl ta' dan l-avviż, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (institutions for occupational retirement provision, “IORPs”) huma mħeġġa jivvalutaw il-konsegwenzi ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jinformaw il-membri u l-benefiċjarji tagħhom fl-UE kif xieraq, u jieħdu l-azzjoni adegwata b'mod f'waqtu, li tista' tinkludi t-trasferiment ta' attivitajiet lejn l-UE.

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż li mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonnoxximent reċiproku.

Innota li: Dan l-avviż ma jindirizzax

- Ir-regoli tal-UE dwar il-kunflitt ta' liġijiet ġurisdizzjonijiet (“il-kooperazzjoni ġudizzjarja f' materji ċivili u kummerċjali”);
- id-dritt tal-kumpaniji tal-UE;
- Ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali.

Fir-rigward ta' dawn l-aspetti qegħdin jitħejjew avviżi supplimentari filwaqt li oħrajn diġà ġew ippubblikati⁵.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-supervizzjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali⁶ ma tibqax tapplika għar-Renju Unit. Dan iwassal, b' mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

- Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (“IORPs”) rreġistrati jew awtorizzati fir-Renju Unit ma humiex se jibqgħu jibbenefikaw mir-reġistrazzjoni jew mill-awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2016/2341⁷ biex jipprovdu servizzi fl-Unjoni u se jitqiesu bħala impriżi ta' pajjiżi terzi li fil-konfront tagħhom ma tapplikax id-Direttiva (UE) 2016/2341. Dan ifisser li, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, daww il-IORPs mhumiex se jibqgħu jitħallew joperaw, fuq il-bażi tar-reġistrazzjoni jew tal-awtorizzazzjoni li għandhom bħalissa bħala IORPs għal daww il-membri jew benefiċjarji li r-relazzjoni tagħhom mal-impriża sponsor tkun irregolata mil-liġi soċjali u mil-liġi tax-xogħol rilevanti għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali ta' Stat Membru (minn hawn 'il quddiem imsejħa “membri u benefiċjarji tal-UE”). L-assi se jkunu fir-Renju Unit u l-membri u l-benefiċjarji se jkollhom jiddependu fuq id-dritt nazzjonali tar-Renju Unit biex jingħataw aċċess għall-assi tagħhom.
- Wara tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, il-IORPs irreġistrati jew awtorizzati fir-Renju Unit ikollhom jikkonformaw mar-regoli tal-Istat Membru ospitanti applikabbli għall-attivitajiet tal-IORPs rreġistrati jew awtorizzati f' pajjiżi terzi, f' dak li għandu x'jaqşam mal-attivitajiet relatati ma' membri u benefiċjarji tal-UE. Dawn ir-regoli se jkunu jistgħu jirrikjedu reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti rilevanti tal-Istat Membru ospitanti f' konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli. Madankollu, tali reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni ma tagħtix id-dritt li jsir negozju fl-Istati Membri kollha tal-UE, iżda tkun limitata għal dak l-Istat Membru li jkun approva r-reġistrazzjoni jew ħareġ l-awtorizzazzjoni.
- Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-IORPs li jkunu irreġistrati jew awtorizzati fir-Renju Unit li jkunu attivi fuq livell transfronter fl-UE huma mħeġġa jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti rilevanti sabiex tittieħed

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt.

⁶ ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37.

⁷ L-Artikoli 9, 11 u 12 tad-Direttiva (UE) 2016/2341.

deċiżjoni dwar jekk ikunux se jitħallew jissoktaw l-attivitajiet tagħhom f'konformità mal-liġijiet nazzjonali fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri kkonċernati u b'liema kundizzjonijiet. Skont dak li jirriżulta, daww il-IORPs tar-Renju Unit jista' jkun li jkollhom jieħdu miżuri xierqa:

- Jekk ma jkunx possibbli li jissoktaw l-operazzjonijiet transkonfinali fi Stat Membru jew fl-Istati Membri rilevanti, l-IORPs tar-Renju Unit jistgħu jiddeċiedu li jitransferixxu l-portafoll tagħhom relatat ma' membri u benefiċjarji tal-UE lil IORP riċeventi li tkun reġistrata jew awtorizzata fl-UE sabiex daww il-membri u benefiċjarji jibqgħu fil-qafas tal-IORP tal-UE. L-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2016/2341, li kellu jiġi traspost fid-dritt nazzjonali sa mhux aktar tard mit-13 ta' Jannar 2019, jipprevedi l-proċedura ta' trasferiment. Jekk it-trasferiment ma jsirx qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-IORP tar-Renju Unit mhumiex se jkunu jistgħu jibqgħu joperaw l-iskemi tal-pensjoni tal-membri u l-benefiċjarji tagħhom tal-UE, u l-konsegwenzi għall-membri u l-benefiċjarji tagħhom tal-UE huma deskritti aktar 'il fuq.
- Jekk l-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernat jippermettu li jissoktaw l-attivitajiet transfruntiera skont id-dritt nazzjonali, il-IORPs ikollhom jiddeċiedu dwar jekk isegwix daww ir-regoli jew jitransferixxux il-portafoll.
- L-impriża sponsor stabbiliti fl-UE li jħallsu kontribuzzjonijiet lil IORP irreġistrata jew awtorizzata fir-Renju Unit huma mħeġġa jivvalutaw il-kundizzjonijiet għall-issoktar tal-iskemi tal-pensjoni rilevanti fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti. Fi kwalunkwe każ, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dawn l-iskemi tal-pensjoni mhumiex se jibqgħu jibbenefikaw mill-qafas ġuridiku previst mid-Direttiva (UE) 2016/2341. Jekk Stat Membru ospitanti ma jippermettix li l-IORP tar-Renju Unit tkompli bl-attivitajiet transfruntiera tagħha, l-impriża sponsor se jkollhom jaċċertaw li l-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni jiġu ttrasferiti lejn IORP rreġistrat jew stabbilit fl-UE. L-impriża sponsor stabbiliti fir-Renju Unit u li jħallsu l-kontribuzzjonijiet lil IORP reġistrata jew awtorizzata fl-UE fir-rigward ta' skema tal-pensjoni għal membri jew benefiċjarji li r-relazzjoni tagħhom mal-impriża sponsor tkun irregolata mil-liġi soċjali u mil-liġi tax-xogħol tal-UE se jkunu jistgħu jibqgħu jistgħu jagħmlu dan skont id-dritt tal-UE⁸ filwaqt li jkunu soġġetti għad-Direttiva (UE) 2016/2341.
- Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-membri u l-benefiċjarji li r-relazzjoni tagħhom mal-impriża sponsor ta' IORP tal-UE tkun irregolata mil-liġi soċjali u mil-liġi tax-xogħol rilevanti tar-Renju Unit għall-qasam tal-iskemi ta' pensjoni okkupazzjonali (“membri u benefiċjarji tar-Renju Unit”)⁹ mhumiex se jibqgħu jibbenefikaw mill-qafas legali stipulat fid-Direttiva (UE) 2016/2341, anke jekk l-IORP tkun reġistrata jew awtorizzata fl-UE¹⁰. Id-deċiżjoni dwar jekk IORP tal-UE titħallix tagħti servizzi lill-membri u lill-benefiċjarji f'pajjiż terz, u skont liema qafas

⁸ L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva (UE) 2016/2341 ma jispeċifikax jekk l-impriża sponsor għandhiex ikollha post ta' stabbiliment partikolari.

⁹ Il-membri u l-benefiċjarji tar-Renju Unit jistgħu jirrisjedu fir-Renju Unit jew fl-UE.

¹⁰ Ara l-Artikolu 6(19) tad-Direttiva (UE) 2016/2341 dwar id-definizzjoni ta' attività transfruntiera.

regolatorju tkun tista' tagħtihom, trid tiġi vvalutata f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli għall-IORP.

- Kontinwità tas-servizz: Il-fatt li IORP rreġistrata jew awtorizzata fir-Renju Unit tiflew ir-reġistrazzjoni / awtorizzazzjoni tal-UE jista' jaffettwa l-kapaċità tagħha li twettaq ċerti obbligi u attivitajiet u li tiżgura l-kontinwità tas-servizz b'rabta mal-kuntratti li jkunu ġew konklużi qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni¹¹. Il-IORPs, l-impriżi li jisponsorizzaw il-IORPs u l-partijiet ikkonċernati l-oħra huma mħeġġa jivvalutaw l-impatt ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fuq l-operazzjonijiet u l-arranġamenti kuntrattwali tagħhom u jidentifikaw u jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' konformità anki f'kooperazzjoni mas-superviżuri nazzjonali rilevanti u mal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (European Insurance and Occupational Pensions Authority, EIOPA).
- B'konformità mal-Artikolu 37(3) tad-Direttiva (UE) 2016/2341, il-membri u l-benefiċjarji tal-IORP għandhom jirċievu kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar tibdil fir-regoli tal-iskema ta' pensjoni fi żmien raġonevoli. Dan jinkludi informazzjoni dwar l-impatt ta' tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni fuq id-drittijiet u fuq il-provvista ta' servizzi ta' IORP tagħhom, billi dan jista' jwassal għal bidliet fuq ir-regoli tal-iskema tal-pensjoni tagħhom.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar l-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet (https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/insurance-and-pensions_mt) jagħti informazzjoni ġenerali dwar l-attivitajiet tal-IORP. Fejn meħtieġ dawn il-paġni jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji, u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali

¹¹ Billi d-Direttiva (UE) 2016/2341 ma fiha l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar kif jista' jiġi żgurat li l-kuntratti jibqgħu jiġu onorati, din hija kwistjoni li tiġi deċiża mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti.